MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 721/2004

Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali
vs
Modern Circuits Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur biha ppremetta:

Illi peress li permezz ta' rikors prezentat fl-atti tas-subasta numru 236/1999 (wara l-mandat ta' qbid numru 3235/1999) u datat 7 ta' Novembru 2002 Dink Limited kienet ippremettiet illi:

(a) b'digriet ta' din il-Qorti kienet giet ordnata l-bejgh bis-subasta ta' l-oggetti maqbuda mill-Marixxal tal-Qorti u minkejja tali ordni ta' bejgh bis-subasta, is-socjeta` konvenuta Modern Circuits Limited kienet nehhiet l-oggetti

maqbuda minn fejn kienu u ghalhekk tali bejgh bis--subasta ma kienx seta’ jsehh;

(b) Illi meta l-marixxal kien mar biex jinnotifika lis-socjeta` konvenuta bid-data tas-subasta kien sab li l-fond minn fejn dawn l-oggetti tas-socjeta` konvenuta kienu gew maqbuda kien irrizulta li kien vojt u dan wara li l-istess Marixxal kien irrediga r-riferta relattiva f’dan is-sens;

(c) Illi t-tentattivi ta’ l-avukat ta’ Dink Limited sabiex jintlahaq ftehim biex is-socjeta` kovenuta thallas l-ammont dovut minnha kienu inutili;

(d) U ghalhekk Dink Limited kienet talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lid-diretturi tas-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju jiddikjaraw fejn kienu jinsabu l--oggetti maqbuda bil-mandat ta’ qbid fuq imsemmi u sabiex tiehu dawk il-proceduri necessarji u opportuni fil-konfront ta’ l-istess socjeta` intimata.

Illi permezz ta’ digriet datat 8 ta’ Novembru 2002 din il-Qorti kienet laqghet it-talba ta’ Dink Limited.

Illi kien irrizulta li kemm ir-rikors fuq imsemi datat 7 ta’ Novembru 2002 kif ukoll id-digriet ta’ din il-Qorti datat 8 ta’ Novembru 2002 kienu gew debitament notifikati lil Gordon Mercieca nhar l-14 ta’ Novembru 2003.

Illi in forza ta’ digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-4 ta’ Marzu 2004 din il-Qorti kienet osservat illi nonostante li s-socjeta` konvenuta kienet giet notifikata bir-rikors datat 7 ta’ Novembru 2002 u bid-digriet tat-8 ta’ Novembru 2002 u l-istess socjeta` konvenuta kienet naqset milli tipproduci l-oggetti maqbuda kienet ordnat illi jittiehdu dawk is-sanzjonijiet kollha kontemplati fil-ligi kontra l-istess socjeta` konvenuta;

L-attur talab lill-Qorti, prevja kwalunkwe ordni u provvediment li jidhrilha xierqa li timponi fic-cirkostanzi tal-kaz:

1. Tiddikjara li l-agir tas-socjeta` konvenuta hawn fuq imsemmi jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` taghha ai termini tal-artikolu 997 tal-Kaptiolu 12;

2. Konsegwentement issib lis-socjeta` konvenuta hatja ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha ai termini ta' l-istess artikolu;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta ghall-pieni kontemplati mill-istess artikolu 997 tal-Kapitolu 12;

4. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex ai termini ta' l-artikolu 997(2) tal-Kapitolu 12, u fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn din il-Qorti ghal dan il-ghan, u in adempiment mad-digriet ta' l-istess Onorabbli Qorti datat 8 ta' Novembru 2002: (a) tiddikjara fejn huma l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 3235/1999 NS u (b) tirritornahom lura ghall-fond minn fejn gew maqbuda;

5. U f'kaz li s-socjeta` konvenuta tonqos milli taderixxi ruhha ma' din l-ordni tal-Qorti fiz-zmien moghti lilha, din l-istess Qorti ghandha, ai termini ta' l-istess sub-inciz numru 2 ta' l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas il-penali hemm kontemplati f'ammont li ghandu jigi ffissat mill-istess Qorti ghal dan il-ghan u dan minghajr hsara ghal kull piena u/jew rimedju iehor li l-Qorti jidhrilha xierqa li ghandha timponi fuq is-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li eccepiet:

1. Illi s-socjeta` konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li tiddisprezza l-awtorita` tal-Qorti kif kien ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 3235/1999 kellhom jitmexxew mill-fond 213 Psaila Street

Birkirkara ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet giet zgumbrata mill-istess fond, u dawn l-oggetti llum jinsabu fil-fond "Hyacinth", Triq Marmora, San Gwann, proprjeta` ta' Joseph Mercieca, u kienu ghad-dispozizzjoni tal-awtorita` ta' din il-Qorti, izda ma kienux jistghu jigu ritornati fil-fond fejn kienu meta gew maqbuda.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tas-Sur Kevin Mahoney, Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Xehed Dr. Philip Manduca li kkonferma li kien l-avukat ta' Dink Limited u din kellha kawza kontra Modern Circuits Limited quddiem l-Onor. Imhallef Dr. G. Valenzia, li fiha s-socjeta` konvenuta Modern Circuits Limited giet kundannata thallas is-sorte u l-ispejjez. Wara s-sentenza x-xhud ghan-nom tal-klijenti tieghu, wara li harget it-taxxa, kiteb lil Modern Circuits biex ihallsu. Meta ma hallsux sar Mandat ta' Qbid, u gew maqbuda l-oggetti li jidhru fir-riferta tal-marixxall. Fil-frattemp Modern Circuits hallsu xi haga. Hu ma kienx jaf kemm u haseb li l-hlas li sar direttament lill-klijenti tieghu. Huma ma hallsux il-bilanc. Imbaghad kellha ssir is-subbasta u kellhom diffikultajiet kbar biex jinnotifikaw lil Modern Circuits. Meta giet appuntata s-subbasta, mar il-marixxall dakinhar ghal meta giet appuntata s-subbasta u sab li l-oggetti li kienu maqbuda bil-Mandat ta' Qbid ma kienux hemm. Ix-xhud ghamel rikors fejn ghan-nom ta' Dink Services Limited talab li Modern Circuits jiddikjaraw fejn huma l-oggetti u

dan fi zmien qasir u perentorju. Il-Qorti kienet laqghet it-talba li huma jiddikjaraw fejn huma dawn l-oggetti li huma nehhew mill-post fejn kienu. Wara dan kien hemm diversi tentattivi ohra biex Modern Circuits tigi notifikata bid-digriet tal-Qorti. Fl-ahhar gew notifikati pero` xorta baqghu ma ddikjarawx fejn kienu l-affarijiet. Sa meta xehed kienu ghadhom ma hallsu xejn mill-bilanc dovut wara li kienu hallsu dak l-ammont li semma qabel, u mbaghad saret din ic-citazzjoni ghad-disprezz tal-Qorti.

In kontro ezami Dr. Manduca qal li kiteb diversi drabi u kien hemm diversi risposti pero` l-ammont qatt ma thallas. Hu ma setax jiftakar li gie nfurmat li l-affarijiet kellhom jigu spustati minhabba li s-sid ried jizgombra l-affarijiet minn hemmhekk izda qal li certament li zgur ma kienx jaghmel il-procedura ghar-rikors li kieku kien jaf fejn huma l-affarijiet.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Gordon Mercieca ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Modern Circuits Limited.

Xehed Gordon Mercieca li qal li l-kumpanija ghalkemm ghandha diffikultajiet finanzjarji ghadna mhix fil-likwidazzjoni ghalkemm qed jittiehdu l-passi biex isir dan. Illum il-gurnata direttur tal-kumpanija hemm hu wahdu ghax l-ohrajn irrizenjaw. Bhala diretturi rrizenjaw Joe Pellicano u John Mercieca li jigi missier ix-xhud li rrizenja izda x-xhud kien gja mieghu dak iz-zmien. Joe Pellicano kien sar direttur meta kienu dahlu jahdmu fil-premises tieghu li kienu qeghdin Psaila Street, Santa Venera. Huma damu joperaw minn hemmhekk xi tliet snin. Dak iz-zmien minn dak l-indirizz kien isir negozju ta' zewg kumpaniji, wahda ta' Modern Circuits Limited u l-ohra kienet il-kumpanija ta' Joe Pellicano li kien jisimha Abco Limited. F'okkazjoni minnhom kien mar il-marixxall u nizzel affarijiet li anke ma kienux ta' Modern Circuits Limited izda kienu ta' Abco Limited. Meta lill-marixxall attiralu l-attenzjoni dan qallu "imma dawn mhux qed tahdmu bihom?" u x-xhud qallu iva pero` mhux proprjeta` taghhom u xorta wahda ddecieda li jnizzilhom. Sussegwentement kien irrizenja Joe Pellicano wara li kellhom xi argumenti u qallu biex ma joperawx aktar minn

hemmhekk. Ix-xhud kien gie minghajr ufficcju u in segwitu kien ha l-affarijiet li kellu f'ufficcju tas-Sliema li kien mikri ghandu. In segwitu l-Marixxall kien rega' mar Psaila Street pero` x-xhud ma kienx hemm. Mill-ufficcju tas-Sliema ried jitlaq ghax ma kienx ***worth while*** aktar li jhallas il-kera u kellem lil missieru jekk kienx jimporta li dawn l-oggetti in kwistjoni li ma setax ibeighhom ghar-raguni li kienu maqbuda mill-Qorti, li jpoggihom fil-***garage*** ta' missieru, u missieru kien qallu li mhux problema. Hu ghamilhom fil-***garage*** ta' missieru u ghadhom hemmhekk sal-lum. Qal li f'ebda hin ma kellu l-intenzjoni li b'xi mod juri nuqqas ta' rispett lejn il-Qorti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Ghalhekk irrizulta li Dink Limited kellha kawza kontra Modern Circuits Limited li fiha s-socjeta` konvenuta Modern Circuits Limited giet kundannata thallas is-sorte u l-ispejjez. Wara s-sentenza, u harget it-taxxa l-konsulent legali ta' Dink Limited kiteb lil Modern Circuits biex ihallsu, u meta ma hallsux sar Mandat ta' Qbid, u gew maqbuda diversi oggetti. Il-bilanc ma thallasx ghalkemm saru xi pagamenti. Imbaghad kellha ssir is-subbasta u kellhom diffikultajiet kbar biex jinnotifikaw lil Modern Circuits. Meta giet appuntata s-subbasta, mar il-marixxall dakinhar ghal meta giet appuntata s-subbasta u sab li l-oggetti li kienu maqbuda bil-Mandat ta' Qbid ma kienux hemm. In segwitu ta' rikors biex Modern Cicuits jiddikjaraw fejn huma l-oggetti li gie milqugh mill-Qorti xorta baqghu ma ddikjarawx fejn kienu l-affarijiet. Irrizultaw diversi problemi interni tal-kumpanija Modern Circuits.

Fil-kawza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Silvio Camilleri pro et noe et**, deciza mill-Prim'Awla (Imh. R. Pace) fis-17 ta' Jannar 2001 inghad li:
“"Persuna" ghall-finijiet ta' responsabbilita` delittwali tinkludi wkoll socjeta` kummercjali. Socjeta` kummercjali ghalhekk tista' wkoll tkun hatja ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.”

Fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Qorti vs George Galea**" deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1988 (LXXII-I-II-226) intqal:
"Dak li ghamel il-konvenut jikkostitwixxi att kontra l-ligi u jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex jinzamm il-buon ordni fis-socjeta` hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti.

Fil-kaz prezenti l-konvenut qieghed jitlob skuza. Hija gurisprudenza kostanti li ghalkemm il-htija tibqa' t-talba ghall xi skuza tista' timmitiga l-htija ta' min jikkommetti atti ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti."

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Qorti vs John Micallef**" deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 1983 (LXV11-1-11-115) intqal:
"Il-Qorti ghandha kull setgha biex twettaq il-harsien ghall-mandati taghha u tesigi rispett lejn l-ufficcjali taghha. Ir-rispett ghandu jissussisti kemm fil-konfront taghha kif ukoll fir-riward ta' l-operat esklussiv taghha.

Meta dak li jinsab hati ta' disprezz joffri l-iskuza inkondizzjonata tieghu ghalkemm dan ma inehhix ir-responsabilita ta' l-imharrek jista jaghti lok ghall-attenwazzjoni tal-piena inflitta."

Fil-kaz in ezami irrizulta li s-socjeta` konvenuta mhux biss ma obdietx l-ordni tal-Marixxal u xorta caqalqet l-oggetti maqbuda, izda wkoll lanqas iddikjarat in segwitu fejn spiccaw dawn l-oggetti. Bhala difiza ssemmew il-problemi interni tal-kumpanija. Dan ma jiggustifikax li wiehed jikser ordnijiet tal-Qorti, izda kieku stess xorta setghu saru sforzi biex tigi infurmata Dink Limited jew il-konsulent legali taghha Dr Manduca. Issemmew problemi finanzjarji izda lanqas intbaghtet semplici ittra biex tinforma fejn qedghin l-oggetti.

Il-fatt li ma jkunx hemm l-intenzjoni ta' disprezz mhux sufficjenti biex tiskolpa l-agir illegali. Lanqas li titlob skuza ma hu sufficjenti u f'dan il-kaz xorta din ma saritx. Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni li tipprova tiggustifika l-agir tal-konvenuta minhabba problemi interni mhix valida u hi wkoll michuda ghax kien ikun hemm proceduri ohra possibbli izda mhux li wiehed ma jottemperax ruhu ma' l-ordnijiet tal-Qorti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
It-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha. Tikkundanna ghal piena ta' mitt lira [LM 100] multa.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------